Dok. 'Y' 53

FIL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

ONOR. MHALLEF DR. ROBERT G. MANGION LLD

RIKORS NRU. 1203/19 RGM

MARY ANNE CACHIA PRO ET NOE

VS

DIOMEDE SIVE AMADEO CASSAR

3633

# RELAZZJONI TAL-PERIT TEKNIKU
# AIC GODWIN P. ABELA

illum 5 ta Jannar 2021
Deher il-Perit Legali/Tekniku
Perit Godwin Abela
li ħalef li qeda fedelment u onestament
l-inkarigu mogħti lilu.

Lydia Ellul
Deputat Registratur

DIFFERITA 26 TA' JANNAR 2021

Jesponi bir-rispett:

1. **INKARIGU**
   Fl-udjenza tal-10 ta' Novembru 2020 gie nominat sabiex jaghti stima tal-appartament bin-numri 5 u 6, f'numru 111 Triq San Guzepp, Valletta, bil-pussess vakanti.

2. **QADI TAL-INKARIGU**
   In dizimpenn tal-inkarigu moghti lilu, l-esponent acceda fil-fond in mertu fis-16 ta' Novembru 2020 fl-ghaxra ta' filghodu fil-presenza tal-partijiet.

3. **DESKRIZZJONI W VALUTAZZJONI TAL-FOND**
   3.01 Il-fond, delinejat bil-vjola, fuq is-site plan hawn taht parzjalment riprodotta, hu appartament fl-ewwel sular fi blokk ta' tlettax il-appartament.



3.02 Il-fond ghandu gross footprint ta' cirka 90 metri kwadri eskluz il-partijiet komuni, indikati bl-isfar u l-gallariji.

3.03 Il-fond jinkludi is-sehem indiviz tal-partijiet komuni inkluz l-entrata principali, it-tromba tat-tarag u t-tarag u l-uzu tal-bejt.

3.04 Il-fond jikkonsisti f'entrata mill-indana tat-tarag u kurridur li jaghti ghal numru ta' kmamar interkonnessi, tlett ikmamar b'gallarji miftuhin u maghluqin fuq it-triq, zewg kmamar interni u zewg closets u kcina zghira.

3.05 Il-fond inbena madwar hamsa w hamsin sena ilu bhala parti minn housing program tal-Gvern ta' Malta f'dik iz-zona tal-Belt Valletta. Il-fond inbena b'hitan portanti tal-gebel u soqfa ta' xorok fuq travi tal-hadid midfunin.

3.06 Ghal dak li jirigwarda l-istruttura, internament ma gewx ikkonstatati difetti strutturali ta' natura gravi. Ghal dak li jirrigwarda l-partijiet esterni, il-gallariji huma fi stat dilapidat, partijiet minnhom nieqsin u l-partijiet l-ohra fi stadju avanzat ta' degrad li jehtieg intervent sostanzjali ghar-rikostruzzjoni tal-istess.

3.07 Internament il-fond jinsab fi stat degradat u mhux abitabbli, jehtieglu intervent sostanzjali inkluz l-installazioni tas-servizzi ta' elettriku w ilma, tiswijiet tal-aperturi tal-injam, tiswijiet

55



tal-bibien, tikhil u tibjid tal-hitan u soqfa, kamra tal-banju gdida w tindif u ghorik tal-madum tal-art.



3.08 Il-fond mizmum b'titolu liberu w frank minghajr pizijiet.

3.09 Il-bazi ta' valutazzjoni kienet l-applikazzjoni tal-metodu komparattiv tenut kont tal-valuri ta' propjetajiet simili fl-istess zona kif ukoll l-istat li jinsab fih il-fond u l-ispejjez konnessi mal-interventi strutturali w tal-finishes li jridu jsiru.

**Wara li kkunsidra l-parametri kollha hawn fuq deskritti, l-esponent hu tal-fehma li l-valur tal-fond in mertu, li kieku mibjugh volontarjament minnn sidu, bhala fond vakanti, fl-istat attwali li jinsab fih, fuq is-suq miftuh, illum, hu ta' €150,000 (mija w hamsin elf ewro).**

AIC GODWIN P. ABELA
PERIT TEKNIKU

Illum 27 NOV 2020
Pprezentata mill- AIC Godwin P. Abela
B/bla dok wiehed (1) dokumenti

Spiteri
Deputy Registrar
Courts of Justice

36

| GODWIN P. ABELA BA(ARCH) B.ARCH(HONS) A&CE | | | |
|---|---|---|---|
| **PERIT TEKNIKU - DRITT U SPEJJEZ** | | | |
| RIKORS NRU. | 1203/19 RGM | DIFFERIMENT | 26/01/2021 |
| FL-ISMIJIET | CACHIA VS CASSAR | | |
| **DRITT** | **RATA (€)** | **NUMRU** | **TOTAL (€)** |
| Valutazzjoni* | 0.003 | 150,000.00 | 450.00 |
| Valutazzjoni* | 0.003 | | 0.00 |
| Valutazzjoni* | 0.003 | | 0.00 |
| Opinjonijiet - Punti Trattati | 116.47 | | 0.00 |
| Opinjonijiet - Danni/Kumpens | 232.94 | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 5% | | 0.00 |
| Stima ta'xogholijiet | 2% | | 0.00 |
| **TOTAL DRITTIJIET** | | | 450.00 |
| **SPEJJEZ** | **RATA (€)** | **NUMRU** | **TOTAL (€)** |
| Access | 32.00 | 1 | 32.00 |
| Seduti | 24.00 | | 0.00 |
| Pjanta A4 | 58.23 | | 0.00 |
| Pjanta A3 | 87.35 | | 0.00 |
| Pjanta A2 | 160.14 | | 0.00 |
| Pjanta A1 | 233.00 | | 0.00 |
| Trasport | 6.99 | 1 | 6.99 |
| Typing Relazzjoni | 0.70 | 3 | 2.10 |
| Kopji Relazzjoni | 0.23 | | 0.00 |
| Traskrizzjoni Verbali | 0.70 | | 0.00 |
| Kopji Verbali/Dokumenti | 0.23 | | 0.00 |
| Notifiki | 1.16 | | 0.00 |
| Ritratti | 1.16 | 1 | 1.16 |
| Aerial Photographs | 13.50 | | 0.00 |
| **TOTAL SPEJJEZ** | | | 42.25 |
| **TOTAL DRITT U SPEJJEZ** | | | 492.25 |
| VAT | 18% | 492.25 | 88.61 |
| **TOTAL DOVUT** | | | 580.86 |

* Capping ta' €2,000 ghal kull valutazzjoni skond sentenza moghtija fit-12 ta' April 2018 fil-kawza Rik. Nru. 560/17 JPG - APS Bank Ltd vs C&M Contractors Ltd. u d-Direttur Qrati Civili u Tribunali

Lydia Ellul
Dep. Reg.